

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Alessandro Quadri di Cardano huwa kkundannat għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 221, 10.7.2017.

Sentenza tal-Qorti Ġeneral tat-13 ta' Lulju 2018 – Curto vs Il-Parlament

(Kawża T-275/17) ⁽¹⁾

(“Servizz pubbliku — Assistenti Parlamentari Akkreditati — Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Persunal — Talba għal assistenza — Artikolu 12a tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Persunal — Fastidju psikoloġiku — Kumitat Konsultattiv kompetenti għall-ilmenti ta’ fastidju bejn l-Assistenti Parlamentari Akkreditati u l-Membri tal-Parlament Ewropew u l-prevenzjoni tiegħi fil-post tax-xogħol — Deċiżjoni ta’ caħħda tat-talba għal assistenza — Żball ta’ evalwazzjoni — Portata tad-dmir ta’ assistenza — Tul tal-proċedura amministrattiva — Terminu rägonevoli — Rifjut ta’ komunikazzjoni ta’ rapporti redatti mill-Kumitat Konsultattiv”)

(2018/C 341/26)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Michela Curto (Genova, l-Italja) (rappreżentanti: L. Levi u C. Bernard-Glanz, avukati)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: O. Caisou-Rousseau, E. Taneva u M. Rantala, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża, minn naħa, għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Parlament tat-30 ta’ Ġunju 2016 li permezz tagħha l-awtorità li għandha s-setgħa tikkonkludi kuntratti ta’ ingaġġ ta’ dik l-istituzzjoni ċaħdet it-talba għal assistenza mressqa mir-rikorrenti fl-14 ta’ April 2014, kif ukoll, min-naħa l-oħra, għall-kumpens għad-dannu li r-rikorrenti allegatament sofriet minħabba l-ksur minn dik l-awtorità tad-dmir ta’ assistenza msemmi fl-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari minħabba t-tul eċċessiv tal-proċedura.

Dispożittiv

- 1) Id-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-30 ta’ Ġunju 2016, li permezz tagħha l-awtorità li għandha s-setgħa li tikkonkludi kuntratti ta’ ingaġġ ta’ dik l-istituzzjoni ċaħdet it-talba għal assistenza li M. Curto kienet resqet fl-14 ta’ April 2014, hija annullata.
- 2) Il-Parlament huwa kkundannat iħallas lil M. Curto, bħala kumpens għad-dannu morali mgħarrab, is-somma ta’ EUR 10 000 fimkien mal-interessi moratorji, b'effetti mid-data li fiha tingħata din is-sentenza, bir-rata ffissata mill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) għall-operazzjonijiet prinċipali ta’ finanzjament mill-ġdid.
- 3) Il-Parlament huwa kkundannat għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 239, 24.7.2017.